MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 19/2011/1

**Paul Caruana**

**v.**

**Id-Direttur tal-Habs u l-Avukat Generali**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell intavolat mill-attur appellant Paul Caruana minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fil-5 ta' Dicembru 2012, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet illi ma gie lez ebda dritt fundamentali tal-attur appellant u cahdet it-talbiet tieghu, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**2.** Fir-rikors tal-appell tieghu, l-attur appellant Paul Caruana filwaqt illi ghamel referenza ghall-provi gja prodotti kif ukoll ghal provi ulterjuri producibbli f'dan l-istadju, talab li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar il-5 ta' Dicembru, 2012, u konsegwentament tilqa' t-talbiet tal-attur appellant, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellat.

## Ir-rikors promotorju ta' Paul Caruana

**3.** Bir-rikors tieghu tal-5 ta' Mejju 2011 ir-rikorrent Paul Caruana talab lill-ewwel Onorabbli Qorti joghgobha:

> "1. Fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti gie assoggettat ghal trattament inuman jew degradanti bi ksur tad-drittijiet fundamentali

tieghu sanciti mill-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, kollox kif premess fir-rikors.

"2. Fit-tieni lok, taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taht il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-Kostituzzjoni ta' Malta u dana, fost affarijiet ohra, billi tikkwantifika kumpens xieraq u adegwat ghall-lezjoni imgarba mill-esponenti u tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-ammont hekk kwantifikat lill-esponenti,

**4.** Il-fatti migjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmenta ir-rikorrent huma kif gej:

"1. Permezz tal-att ta' akkuza bin-numru 4 tas-sena 2004, l-esponenti kien akkuzat fl-ewwel kap bit-tentattiv ta' omicidju ta' martu nhar it-12 ta' Gunju, 2003; permezz tat-tieni kap tal-istess att ta' akkuza huwa kien akkuzat li kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija (bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 66, illum imhassar); permezz tat-tielet kap huwa kien akkuzat li fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna huwa kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari. Permezz ta' verdett moghti mill-gurija nhar is-6 ta' Lulju, 2006, il-gurati b'6 voti favur u 3 voti kontra sabu lill-esponenti mhux hati ta' tentattiv ta' omicidju izda sabuh hati li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Sandra Caruana, bi strument li jaqta' jew iniggez, b'dan pero' li r-reat kien skuzabbli ghaliex l-istess esponenti kien, fil-waqt tad-delitt, fi stat ta' agitazzjoni ta' mohh illi minhabba fiha ma setax iqis l-eghmil tieghu. Il-gurati sabu wkoll lill-esponenti unimament hati skond it-tieni kap tal-att ta' akkuza, u unimament mhux hati skond it-tielet kap tal-att ta' akkuza.

"2. Il-Qorti Kriminali, b'sentenza moghtija dak in-nhar stess ta' nhar is-6 ta' Lulju, 2006, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ikkundannat lill-esponenti ghall-piena ta' tlett (3) snin prigunerija kif ukoll ordnatlu jhallas l-ispejjez kollha peritali inkorsi f'dawk il-proceduri.

"3. L-esponenti appella minn dik is-sentenza limitatament mill-piena erogata mill-Qorti Kriminali mhux mis-sejbien ta' htija u b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju, 2007, dik il-Qorti cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata.

"4. Waqt illi l-esponenti kien qieghed jiskonta l-perjodu ta' inkarcerazzjoni gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, liema post s'intendi jaqa' taht ir-responsabbilta' tal-intimat Direttur tal-Habs, huwa gie assoggettat ghal trattament inuman jew degradanti minn ufficjali tal-istess

> Facilita` bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu sanciti mill-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana billi gie imcahhad minn kura medika ghal zmien twil meta din kienet mehtiega, billi gie sfurzat jiehu medicina illi assoltament ma kienx bzonnha u billi gie assoggettat ghall-abbuzi u mohqrija ohra anke ta' natura mentali u dana kif ser jirrizulta ampjament matul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors."

**<u>Ir-risposta tad-Direttur tal-Habs u tal-Avukat Generali</u>**

**5.** Fir-risposta taghhom tat-12 ta' Mejju 2011 l-intimati Direttur tal-Habs u Avukat Generali wiegbu li in linea preliminari li l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u li r-rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi huwa qieghed jadopera procedura straordinarja meta kellu a dispozizzjoni tieghu rimedji ordinarji sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnu tramite d-dritt civili ordinarju permezz ta' kawza ordinarja ghad-danni.

**6.** Fil-mertu sostnew li l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta taghhom u li ghalhekk ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u li konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti; salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**<u>Eccezzjoni dwar l-allegat nuqqas ta' uzu ta' rimedji ordinarji</u>**

**7.** Din l-eccezzjoni giet irtirata permezz ta' verbal quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-seduta tal-1 ta' Frar 2012.

**<u>Dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' legittimita` passiva tal-Avukat Generali</u>**

**8.** Ir-rikorrent ceda l-kawza fil-konfront tal-Avukat Generali b'nota tas-7 ta' Mejju 2012.

**<u>Is-sentenza appellata TAL-5 TA' DICEMBRU 2012</u>**

**9.** Fis-sentenza taghha tal-5 ta' Dicembru 2012, wara li rriproduciet ir-rikors promotorju tal-gudizzju u l-lanjanzi tar-rikorrent kif ukoll ir-risposta tal-intimati Direttur tal-Habs u tal-Avukat Generali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), ghaddiet biex taghmel riferenza ghall-principji applikabbli ghall-kaz skont l-insenjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' awtoritajiet ohra fil-materja u biex tiddeciedi l-kawza fil-mertu kif inghad[1], wara li ghamlet rassenja dettaljata tax-xiehda migbura fil-process u wara l-konsiderazzjonijiet ulterjuri li gejjin in kwantu relevanti ghall-appell odjern:

"**Konsiderazzjonijiet**

[1] Ara para. 1 *supra*.

"Il-Qorti hasset li ghandha taghmel referenza shiha ghax-xhieda kollha moghtija biex tkun f'pozizzjoni ahjar tizen l-ilmenti tar-rikorrenti mal-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu.

"Fl-ewwel lok irid jigi rilevat illi r-rikorrenti kien jinsab il-habs fiz-zmien tal-allegati episodji li fihom allegatament gie maltrattat fizikament jew mentalment. Bhal kull habsi r-rikorrenti kien obbligat josserva regoli u formalitajiet amministrativi qabel jinghata permess jaghmel xi haga li jkun talab li ssir. Ir-rikorrenti ma jistax jippretendi li kull talba setghet tigi milqugha fuq semplici rikjesta tieghu verbali minghajr osservanza tal-protokolli necessarji, sakemm ma jkunx kaz ta' emergenza li t-telf ta' zmien tista' tipperikola l-hajja jew l-inkolumita tal-bniedem. Fl-istess waqt pero, f'cirkostanzi gravi u ta' emergenza l-Qorti ghandha jedd tippretendi li l-awtoritajiet tal-habs jiehdu mizuri fl-iqsar zmien possibbli biex il-habsi ma jsofri ebda ingustizzja jew hsara fizika jew mentali u dan biex il-habsi jinghata d-dinjita` ta' bniedem li jisthoqqlu.

"F'dan il-kaz il-Qorti ser tirreferi ghall-lanjanzi li ghamel ir-rikorrenti. Wahda mill-akbar lanjanzi kienet diretta lejn il-psikjatra tal-habs Dr. Spiteri li skond ir-rikorrenti kien qed jabbuza mill-kariga tieghu billi jitratta lir-rikorrenti bhala marid meta fil-fatt ma kienx u jaghtih pilloli bla bzonn. Hu jzid illi kien Dr. Cassar li irnexxielu johorgu minn dan l-agir abusiv.

"Il-provi invece juru illi r-rikorrenti kellu bzonn ta' kura psikjatrika sa minn qabel spicca l-guri tieghu tant li fid-decizjoni tal-Qorti Kriminali (fol. 200 tal-process) jinghad hekk:

"hemm imbaghad, il-preokkupazzjoni principali ta' din il-Qorti:

- "Dr. Spiteri jghid li d-djanjozi ta' Paul Caruana baqghet ta' morbid jealousy filwaqt li bdew johorgu paranoid traits. Dr. Spiteri wera l-preokkupazzjoni tieghu dwar il-fatt li fil-kommunita ma jistax jigi enforzat trattament psikjatriku kontra r-rieda ta' persuna. Gol-habs dan ma jistax isir lanqas, biss permess tal-Mental Health Act ikun jista' jintbaghat ghall-osservazzjoni gewwa l-Forensic Unit." – pagna 18

- "Dr. Cassar jghid li ghalkemm mill-kuntatti li kellu ma' Paul Caruana matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, ma jirrizultalux li Paul qed ibati minn stat ta' genn, huwa seta' jinnota li minhabba stat ta' fissazzjoni qawwija jista' jibqa' anzjuz hafna. Dr. Cassar jghid li l-aktar li hija nkwetanti hija r-rigidita u l-fissazzjoni fl-imhabba tieghu lejn martu." – pagna 18.)"

"Dr. Cassar li xehed f'din il-kawza u x-xiehda tieghu hi riportata anki f'din is-sentenza ma jghid fl-ebda hin li r-rikorrenti kien qed jiehu jew jigi preskritt medicinali bla bzonn jew li ddahhal l-isptar mill-habs bla ebda raguni. Anzi jixhed il-kuntrarju dwar l-istat mentali tar-rikorrenti. Dan jispjega wkoll il-persekuzzjoni li r-rikorrenti jallega kienet issirlu minghand prigunier iehor li ma jirrizultax pruvat u l-unika prova li harget kienet minghand il-Maggur Anthony Cutajar li spjega c-cirkostanzi fejn prigunier ried idahhal prigunier iehor fid-division tieghu flok ir-rikorrenti li kienet giet risolta a beneficju tal-istess rikorrenti. Rigward l-allegazzjonijiet li r-rikorrenti isemmi dwar mus li prigunier iehor ried li jzommlu ma rrizulta xejn.

"Kwindi hi l-fehma tal-Qorti li din il-lanjanza mhix gustifikata.

"Ir-rikorrenti jilmenta wkoll li martu ddahlet l-isptar u kellha taghmel operazzjoni serja tlett xhur wara li ddahhal il-habs. Hu thalla jaraha darbtejn biss. Il-Qorti tissimpatizza mar-rikorrenti li ma setghax ikun ma' martu l-hin kollu f'dan il-perjodu difficli ghaliha pero` ma jistax jippretendi r-rikorrenti li ghandu jithalla johrog mill-habs x'hin irid biex ikun hdejn martu. Hu talab li jzur lil martu u l-awtoritajiet tal-habs accettaw li jzur lil martu f'zewg okkazjonijiet cioe fl-10 u 13 ta' Ottubru 2006 tul it-18-il jum li martu damet l-isptar. L-ammont ta' drabi li thalla jzur lil martu ma jistax jitqies bhala kaz gravi ta' trattament degrandanti fil-konfront tar-rikorrenti. Li kieku wiehed jista' jidhol u johrog mill-habs meta jixtieq, l-iskop tal-inkarcerazzjoni tispicca. Hu minnu illi l-operazzjoni ta' martu kienet serja pero r-rikorrenti kellu wkoll jifhem illi hu ma kienx liberu li jmur fejn martu meta u x'hin irid. Il-Qorti tqis illi skond section 14(4) tal-General Ministerial Directives, fl-ewwel sitt xhur (ara document intitolat Prison Leave fl-atti) il-habsin ma jithallewx jaghmlu vizti barra l-habs u r-rikorrenti jirrizulta li kien ghadu kif ghalaq it-tlett xhur u l-fatt li thalla f'perjodu ta' 18-il gurnata li damet l-isptar martu, jaraha drabtejn darba minnhom l-ghada tal-operazzjoni stess ma ghandux jitqies bhala trattament inuman iktar u iktar meta fil-fatt l-operazzjoni fuq martu saret f'nofs dan il-perjodu cioe fit-12 ta' Ottubru 2006 kif jidher mill-file mediku Dok. SC1 a fol. 212 et seq. tal-process. Irid jitqies li hrug mill-habs dejjem isir bi skorta u zgur li r-rikorrenti ma kienx l-uniku habsi li ghamel talbiet biex johrog mill-habs u ghalhekk jethieg koordinament mill-forzi tal-habs.

"L-istess jinghad ghal kwistjoni dwar is-snien. Il-provi konfuzi urew illi r-rikorrenti kien gie mehud ghand id-dentist privat tieghu Dr. Charles li trattalu darsa iffjamata u iktar tard qalaghhilu. Dan kien f'Marzu 2008 kif jixhed l-istess direttur tal-habs Abraham Zammit li qal li mill-file tal-habs irrizulta li t-talba saret fl-10 ta' Marzu 2008 u ttiehed ghand id-dentist privat fil-25 ta' Marzu 2008, billi d-dentist tal-habs li kien rah irreferih ghal Mater Dei pero Mater Dei jkun hemm lista twila. L-istess direttur ma kellu ebda notamenti fil-file li kienu saru xi talbiet ohra precedenti biex imur jara dentist. Omm u mart ir-rikorrenti jallegaw li ghamlu xi

hames appuntamenti pero` gew injorati. Invece Dr. Charles ighid biss li mieghu kienu saru xi erba' appuntamenti minn ommu u zamm wiehed. Izid ukoll illi kien jara lir-rikorrenti spiss qabel dahal il-habs u illi d-dras jistghu jithassru f'salt u l-kaguni tista' tkun traskuragni jew dieta hazina. Il-Qorti hi propensa tahseb illi omm ir-rikorrenti qabdet u ffissat appuntamenti minn jeddha bla ma kien ghad hemm l-approvazzjoni tal-awtoritajiet tal-habs biex ir-rikorrenti jigi skortat ghand id-dentist privat tieghu. Il-Qorti in oltre thoss illi terminu ta' 15-il jum sakemm rah id-dentist tal-habs u rriferieh ghal Mater Dei u fejn ir-rikorrenti ma riedx jistenna fit-tul u ghalhekk talab li jara dentist privat mhux xi terminu li jista' jitqies bhala atteggjament degradanti jew inuman fuq ir-rikorrenti. Ma' dan il-Qorti wkoll tirreferi ghax-xhieda tad-dentista Ro Anna Borg li rat lir-rikorrenti f'Mejju 2008 u fejn irrizultalha illi mill-x-ray li hadet tad-darsa maqlugha ma deher xejn anormali. Ma jistghax jinghad li l-awtoritajiet injoraw lir-rikorrernti izda biss illi l-proceduri fil-habs jiehdu certu zmien biex jigu attwati u approvati permessi. It-terminu f'dan il-kaz ma jistax jitqies irragonevoli jew li l-inkonvenjent ghar-rikorrenti kien sever. Hawn ukoll il-Qorti mhix konvinta illi l-awtoritajiet tal-habs b'xi mod assoggettaw lir-rikorrenti ghal xi trattament inuman u kkawzawlu sofferenza fizika inutili b'xi dewmien negligenti jew volontarju li jintbaghat ghand id-dentist tieghu.

"Ir-rikorrenti wkoll jirreferi ghal tfixkil li hu isir minn habsi iehor, li ma thalliex johrog ghax-xoghol mill-ewwel fl-ahhar tlett xhur qabel inhareg mill-habs kif kienet il-prassi, pero dawn l-allegazzjonijiet ma jsibu ebda sostenn fil-fatti u aktar minn hekk ma jsibu ebda korrelazzjoni ma' xi azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni da parti tal-awtoritajiet tal-habs.

"Ix-xiehda ta' social worker, il-forensic psychologic tal-habs, il-pulizija li kienu jiehdu hsieb l-ilmenti tal-habsin fosthom PC George Camilleri, Surgent Bernard Zahra u l-Maggur Anthony Cutajar u l-qassis tal-habs kollha urew illi dejjem kienu lesti jghinu safejn jippermettu r-regoli tal-habs fil-bzonnijiet tar-rikorrenti. Saret prova bl-elenku tal-ammont konsiderevoli ta' visti li kellu r-rikorrenti l-habs u Monte Carmeli Dok. PC1 a fol 31 tal-process, hlasijiet li saru lir-rikorrenti meta kien jinghata xoghol il-habs Dok. PC2 a fol 35 tal-process. Hemm il-prova fid-dokumenti tal-pre release work fejn jirrizulta li fil-fatt thalla jahdem fit-8 ta' April 2008 u nheles mill-habs fil-25 ta' Gunju 2008 li juri li fil-fatt, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, thalla jahdem barra ghal tlett xhur qabel ir-rilaxx definittiv tieghu. Bl-istess mod f'diversi okkazzjonijiet ir-rikorrenti thalla jzur familjari, bhal missieru u lil bintu meta ghamlet l-ewwel tqarbina u birthday. Dawn jirrizultaw mill-file fl-atti intitolat 'Family Occasions'.

"Il-Qorti tqis li ma ngiebet ebda prova illi l-awtoritajiet tal-habs ma aggixxewx b'mod tajjeb mar-rikorrenti u illi safejn jippermettu r-regoli tal-habs dejjem applikawhom favur ir-rikorrenti. Jekk ghal grazzja tal-argument kien hemm xi

talba tar-rikorrenti li ma gietx accettata, il-Qorti ma rriskontrat ebda prova tat-talba per se jew li t-talba ma ntlaqghitx bla ebda gustifikazzjoni u li dan in-nuqqas kien tali li kienet tikwevali ghal trattament degradanti jew inuman.

“Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Saviour Spiteri et vs. Il-Korporazzjoni Enemalta et** (Kost 11/07/2013):

“Illi biex isehh ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li “gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem haddiehor… u jidher li llum hu generalment accettat li biex trattament determinat jaqa’ taht il-komminazzjonijiet tad-dispozizzjonijiet fuq citati, jehtieg certu grad ta’ gravita`”. Ghalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn semplici inkonvenjenza jew disagju;

“Il-Qorti tqis illi limitatament ghal dak li jikkoncerna l-kwistjoni tal-ugiegh fi snien ir-rikorrenti, dan ikkreja disaggju u inkonvenjenza fil-konfront tieghu li pero` ma kienx tali u ta’ severita li jista’ jitqis li kien jikkostitwixxi trattament degradanti fil-konfront tieghu. Hu minnu illi l-istat mentali tar-rikorrenti ma ghinux anzi f’certi cirkostanzi tefghuh lura pero x-xhieda prodotta turi illi r-rikorrenti inghata l-attenzjoni u gie trattat b’mod uman ghal ahhar mill-awtoritajiet tal-habs u l-professjonisti kollha li attendewh u assistewh tul iz-zmien li dam inkarcerat.

“Il-Qorti tqis li ma hemmx kaz li jimmerita ezitu favorevoli fil-konfront tar-rikorrenti billi ma gie ppruvat ebda forma ta’ trattament degradanti jew umiljanti sewwa kif trid il-ligi.

“**Decide**

“Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi ma gie lez ebda dritt fundamentali tar-rikorrenti u tichad it-talbiet tieghu. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.”

## <u>Rikors tal-appell tal-attur appellant</u>

**10.** B'rikors tat-23 ta' Dicembru 2013 l-attur appellant talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentament tilqa' t-talbiet tieghu bl-ispejjez kontra l-konvenut appellat.

**11.** L-aggravju tal-appellant fil-mertu, minkejja d-diversi sfumaturi tieghu, huwa sostanzjalment wiehed konsistenti filli l-attur appellant isostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li ngiebu quddiemha liema apprezzament zbaljat wassalha ghall-konkluzjonijiet zbaljati li inducewha sabiex konsegwentement tichad it-talbiet tieghu.

**12.** In kwantu ghar-rimedju minnu mitlub l-appellant isostni li dan jikkonsisti semplicement f'dikjarazzjoni minn din il-Qorti li fil-fatt sehhu l-affarijiet li minnhom jilmenta u illi dawn kienu tali li jammontaw ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu; isostni li tali dikjarazzjoni u xi ammont ta' kumpens nominali ghat-torment li sofra li ghadu jaffettwah sallum ikunu bizzejjed bhala "*just satisfaction*".

**Risposta tal-appell tad-Direttur tal-Habs**

**13.** Fir-risposta tieghu tas-7 ta' Jannar 2014 il-konvenut appellat issottometta li l-appell tal-attur appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellant, b'rizerva ghall-produzzjoni ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi f'kaz illi dan ikun mehtieg.

**14.** Fil-qosor, is-sottomissjonijiet tal-konvenut appellat lil din il-Qorti kienu s-segwenti:

- Is-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata peress li l-ewwel Qorti kienet korretta meta mill-asjem tal-provi kollha kkonkludiet li l-attur appellant ma sofra l-ebda lezjoni ghal dak li jirrigwarda l-kura medika moghtija lilu waqt li kien qed jiskonta s-sentenza ta' prigunerija u anqas irrizulta li l-attur appellant gie assoggettat ghal xi trattament inuman u degradanti;

- In kwantu ghar-rimedju mitlub mill-attur appellant, minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenut appellat issottometta li l-Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha m'hijiex obbligata tistabilixxi rimedju f'dawn il-kazijiet u meta jinghata tali rimedju dan isir minhabba l-fattispecje pekuljarji tal-kaz partikolari u dan peress li fil-generalita` tal-kazijiet ir-rimedju oltre dikjarazzjoni ta' lezjoni f'kawzi kostituzzjonali huwa l-eccezzjoni u mhux ir-regola ghaliex hafna drabi dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tkun bizzejjed.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

***Principji***

**15.** L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jittrattaw minn tipi differenti ta' mgieba projbita li kull wahda minnhom tirrifletti grad ta'

severita` wiehed ikbar mill-iehor. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jsemmi it-tortura, it-trattament inuman u t-trattament degradanti waqt li l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jsemmi biss it-trattament inuman u degradanti. Dan ma jfissirx li ma hemmx protezzjoni minn tortura taht l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ghaliex it-tortura certament dejjem u f'kull kaz tammonta tal-anqas ghal trattament inuman u degradanti[2].

**16.** Illi l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdu illi l-ebda persuna ma ghandha tigi assoggettata ghal piena jew trattament inuman jew degradanti.

**17.** Il-principji applikabbli f'kazijiet ta' din ix-xorta gia` gew identifikati fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Alfred Degiorgio et. v. Avukat Generali et.**[3] u dan fis-sens li gej.

**18.** Sabiex trattament jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 3 jehtieg li dak it-trattament jilhaq minimu ta' severita` li l-apprezzament tieghu huwa necessarjament wiehed relattiv li jiddependi mic-cirkostanzi kollha tal-kaz bhan-natura tat-trattament, il-kuntest tieghu, il-mod ta' esekuzzjoni, id-durata, l-effetti fizici u morali, u f'certi cirkostanzi jistghu jkunu wkoll relevanti is-sess, eta` u stat ta' sahha tal-vittma. B'danakollu, is-sofferenza u l-umiljazzjoni

[2] Q Kost. Alfred Degiorgio et. v. Avukat Generali et., 5/4/2014, # 25; Ara wkoll fost ohrajn Q. Kost. Giuseppa Galea v. Segretarju tad-Djar, 20/7/1977; Fenech v. Kummissarju tal-Pulizija, 20/2/1979; Wilch v. Segretarju Parlamentari ghad-Djar et, 11/10/1989; ECHR Mostipan v. Russia, 16/10/2014, #49; Issir riferenza wkoll ghal Theory and Practice of the European Convention on Human Rights: 4th ed., van Dijk, van Hoof, van Rijn and Leo Zwaak eds.,p.406
[3] *Ibid f.n. 2 supra*, # 26-27.

involuta biex taqa' fil-parametri tal-Artikolu 3 msemmi jridu jmorru oltre dak l-element ta' sofferenza u umiljazzjoni necessarjament allaccjati ma' xi forma partikolari ta' trattament legittimu jew piena. Mizuri li jnehhu l-liberta` tal-persuna ta' spiss jinvolvu elementi bhal dawk imsemmija izda, minkejja dan, il-modalita` tal-esekuzzjoni ta' mizura legittima ma ghandhiex tassoggetta lill-persuna ghal tbatija ta' intensita` tali li teccedi dak il-livell inevitabbli ta' sofferenza inerenti f'dik il-mizura .

**19.** Trattament jitqies inuman meta tal-anqas jikkaguna lill-persuna sofferenza fizika jew psikika intensa anki jekk minghajr ma jikkaguna xi feriti jew offizi fuq il-gisem. Dan it-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biza', angoxxia u sens ta' inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun sahansitra sakemm possibilment jabbattu r-rezistenza fizika jew morali tieghu. Dak li imbaghad jiddistingwi t-tortura minn trattament inuman jew degradanti huwa l-grad ta' intensita` akbar tas-sofferenza li tigi inflitta fit-tortura karatterizzata b'ghemil deliberat li jikkaguna sofferenza mill-aktar serja u kiefra. Minbarra l-element tal-grad sever tas-sofferenza ikkagunata, element iehor li gie identifikat bhala karatteristiku tat-tortura huwa l-fatt li t-tortura tigi inflitta bil-ghan li jintlahaq ghan preciz bhal li tigi akkwistata xi informazzjoni, jew biex tippenalizza jew tintimida lil xi hadd.

**20.** In kwantu ghal persuni detenuti l-Istat huwa risponsabbli ghall-benessere taghhom u peress li tali persuni huma f'sitwazzjoni ta'

vulnerabbilita` l-awtoritajiet ghandhom id-dover li jharsuhom[4]. Ghalhekk in-nuqqas ta' trattament mediku xieraq f'habs jista' jiggenera kwistjoni taht l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u taht l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni wkoll meta l-istat ta' sahha tal-persuna ma tkunx tali li tirrikjedi r-rilaxx immedjat taghha. L-iStat ghandu d-dover li jassigura li waqt li jittiehed qies tal-esigenzi prattici tal-kundizzjoni ta' prigunerija s-sahha u l-benessere tal-persuna detenuta jigu mharsa adegwatament billi, fost hwejjeg ohra, id-detenut jinghata l-assistenza medika mehtiega[5].

**21.** L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ma jaghtux garanzija li kull persuna detenuta jkollha assistenza medika tal-istess livell ta' klinici privati. Dak li hu mehtieg hu li l-livell ta' trattament mediku disponibbli jkun kompatibbli mad-dinjita` tal-persuna tad-detenut filwaqt li tiehu qies tal-esigenzi tal-istat ta' prigunerija[6].

***Applikazzjoni tal-Principji***

**22.** Peress li l-aggravju tal-appellant jikkonsisti sostanzjalment u unikament fl-ilment tieghu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi quddiemha liema apprezzament zbaljat wassalha sabiex tichad it-talbiet tieghu li altrimenti jisthoqqilhom li jigu milqugha din il-Qorti ser taghmel analizi mill-gdid u approfonditi tal-provi prodotti sabiex tkun f'pozizzjoni li tiddetermina l-appell ghandux jigi akkolt jew le.

---

[4] ECHR Chernetskiy v. Russia, 16/10/2014, #72.
[5] ECHR Marian Chirita v. Romania, 21/10/2014, #37.
[6] ECHR Marian Chirita v. Romania, *ibid*, # 38; Aleksanyan v Russia, 22/12/2008, # 140.

*l-ugiegh fis-snien*

*Verzjoni tal-appellant*

**23.** L-attur appellant[7] jghid li kien hemm minn tal-inqas erba' appuntamenti li nghataw mid-dentist ta' fiducja tieghu li gew mghoddija lill-ufficjali tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghalxejn ghax l-attur appellant ma giex skortat ghand id-dentist tieghu. Jghid ukoll li s-sitwazzjoni tieghu tant iddeterjorat illi meta finalment huwa zar lid-dentist tieghu, dan ma setax jaqla' d-darsa mhassra izda d-dentist kellu jaghtih kors ta' antibijotici.

**24.** L-attur appellant izid li d-dentist tal-habs ma setax jaqdih ghaliex ma kellux taghmir addattat sabiex jisterilizza l-istrumenti mehtiega. Huwa enfasizza wkoll li l-perjodu li fih l-attur appellant thalla jsofri ugiegh gravi fi snienu ma kienx semplicement ta' hmistax-il gurnata izda kien dak ta' sena u nofs.

**25.** Fl-ahharnett, l-attur appellant isostni li m'huwiex ragel li ghandu problemi mentali imma huwa sfortunatament ragel li waqt li kien qed jahdem ghall-familja, martu qabdet relazzjoni ma' terz u meta nduna li huwa zbalja ghaliex aggrediha b'sikkina. Izid ukoll li jekk il-konvenut appellat kien jaf li huwa kellu agitazzjoni mentali proprju minhabba dak li kien ghadda minnu

[7] Ara wkoll affidavit tieghu fol. 61-62.

kien jinkombi fuqu li jaccerta ruhu li l-attur appellant ma jigix assoggettat ghal aktar sofferenza minn dik li timporta piena karcerarja normali.

*Il-verzjoni tal-appellat*

**26.** Il-konvenut appellat isostni li l-attur appellant nghata kura ghall-problemi fi snienu li rriskontra meta kien qieghed fil-habs tant li d-dentist privat stess tal-appellant ikkonferma li fis-sena 2008 l-attur appellant kien mar il-klinika darbtejn. Rigward l-appuntamenti li saru ma' Dr. Charles u li allegatament l-attur appellant ma attendiex ghalihom, il-konvenut appellat isostni li ma giex pruvat li tali appuntamenti effettivament waslu ghandu. Il-konvenut appellat zied ukoll li Dr. Ro Anna Borg ikkonfermat li l-attur appellant kien mar ghaz-zewg visti ta' trattamenti li saru fit-3 ta' Mejju 2008, haditlu x-ray tal-upper right fuq lemin peress li mar biex jiccekkja ferita ta' sinna li kienet inqalghat qabel u ma kellux infezzjonijiet fi snienu u ghalhekk ma taghtux antibijotici.

**27.** Il-konvenut appellat isostni li mill-provi jirrizulta li l-attur appellant inghata l-ghajnuna ta' dentist li kien jinnecessita u tali ghajnuna nghatat f'waqtha b'referral ghal klinici dentali privati. Jghid li t-talba mill-appellant sabiex jara dentist saret fl-10 ta' Marzu 2008 u ittiehed ghand dentist privat fl-25 ta' Marzu 2008 peress li l-lista ta' Mater Dei kienet twila. Dan jirrizulta mix-xhieda moghtija minn Abraham Zammit u li hija korraborata mill-file ezebit fl-atti tal-kawza. Ghalhekk il-konvenut appellat sostna illi kienet korretta l-ewwel

Onorabbli Qorti meta kkonkludiet li l-appellant kien ircieva kura ghall-ugiegh li kellu fid-darsa fi zmien hmistax minn meta ghamel it-talba tieghu u li tenut kont tal-assjem tal-provi prodotti bl-ebda mod ma setghet issib li l-appellant sofra ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

**28.** Il-konvenut appellat issottometta illi l-kummenti li ghamel l-attur appellant dwar il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u l-apparat li hemm f'din il-facilita` huma biss kummenti gratwiti li bl-ebda mod ma huma sorretti b'xi prova li tinsab fl-atti tal-kawza.

**29.** Huwa jghid illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta rreferiet ghall-istat mentali tal-attur appellant li kien frott tal-incident li ghadda minnu u f'dan ir-rigward ghamel referenza ghax-xiehda tal-Psikjatra Dr. David Cassar u ssottometta li l-ewwel Qorti ghamlet sew li nkwadrat il-lament tal-attur appellant fl-assjem tal-evalwazzjoni li ghamel il-Psikjatra tal-istat mentali tal-appellant.

**30.** Fl-ahharnett il-konvenut appellat kkonkluda illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta mill-asjem tal-provi kollha prodotti kkonkludiet li l-attur appellant ma sofra l-ebda lezjoni ghal dak li jirrigwarda l-kura medika moghtija lilu waqt li kien qed jiskonta s-sentenza ta' prigunerija.

*l-apprezzament ta' din il-Qorti*

**31.** Id-Direttur tal-Habs xehed li skont ir-records tal-Habs fl-10 ta' Marzu 2008 l-apellant kien sarlu appuntament sabiex fil-25 ta' Marzu 2008 fil-5.30pm imur jara dentist. Huwa kien gie riferit mid-dentist privat tieghu. Dan kollu hu dokumentat f'wiehed mill-files markati MLA 0466 esibiti fl-atti minn fejn jirrizulta li Dr. Anthony Charles, b'certifikat tas-6 ta' Marzu 2008, ikkonferma li l-appellant kellu appuntament mieghu skont kif indikat f'*card* safra annessa mal-istess certifikat, u li wkoll tirrizulta mill-atti, u fiha l-appuntament hu indikat ghall-25 ta' Marzu 2008 fil-17.30 u jirrizulta wkoll li l-appuntament inzamm u l-appellant kien gie skortat minn PC 234 u CO 109. Jirrizulta wkoll mill-*Medical File* Doc. PC3 li fl-14 ta' Marzu 2008 Dr. John Montalto, id-dentist tal-habs, iccertifka li l-appellant kellu appuntament dentali ma' Dr. Anthony Charles fil-25 ta' Marzu 2008 u li huwa (Dr. Montalto) ma kellux oggezzjoni li l-appellant jattendi dak l-appuntament. L-apellant imbghad fil-25 ta' Marzu 2008 intbaghat ghall-appuntament li kien tah Dr. Anthony Charles li huwa d-dentist privat tieghu[8].

**32.** Id-Direttur tal-Habs zied jixhed[9] li ma kellu l-ebda notamenti fil-file li kienu saru xi talbiet ghal appuntamenti mad-dentist ta' fiducja tal-appellant precedenti dak tal-25 ta' Marzu 2008. Di fatti, meta gie mistoqsi jekk kienx jaf, jiftakarx jew jirrizultalux mid-dokumenti ufficjali tal-Habs li l-attur appellant kien ghamel hames appuntamenti ma' Dr. Anthony Charles, u jekk setax

[8] Fol 24-25 tal-process.
[9] Fol 26-27.

jikkonferma li minflok ma ntbaghat ghal dawn l-appuntamenti l-attur appellant intbaghat Monte Carmeli, id-Direttur tal-Habs wiegeb li "*ma jirrizultalix, jirrizultali li mar*."[10] Hekk ukoll, meta mistoqsi jekk kienx hemm xi appuntamenti ohra qabel l-appuntament li kien mar ghalih l-attur appellant fil-25 ta' Marzu 2008 id-Direttur wiegeb "*ma jirrizultalix. Dak jirrizultali*."[11] Effettivament, mill-file mediku tal-appellant esibit u mir-*records* l-ohra tal-habs esibiti ma jirrizultax li l-awtoritajiet tal-habs kellhom informazzjoni ta' xi appuntament dentali iehor minn Dr. Anthony Charles lill-apellant qabel dak tal-25 ta' Marzu 2008. Mill-istess file anqas jirrizultaw xi appuntamenti ohra ma' Dr. Anthony Charles wara dak tal-25 ta' Marzu 2008,

**33.** Xehed ukoll Dr. Anthony Charles, id-dentist privat tal-attur appellant, u ghalkemm ix-xiehda tieghu ma hix koerenti ghal kollox u s-sekwenza tal-fatti ma tohrogx b'mod car, huwa ikkonferma li mieghu kienu saru xi hames appuntamenti permezz ta' omm l-appellant izda fil-fatt ra lill-appellant darba biss[12] u cioè fl-ewwel appuntament u dakinhar ma qalaghlux is-sinna ghaliex l-appellant kellu bzonn l-*antibiotics* u tah ukoll xi *painkillers*[13]. Dakinhar qallu wkoll biex jigi l-gimgha ta' wara izda l-appellant ma regax mar ghandu u wara l-appellant kien qallu li kien qala' s-sinna ghand haddiehor[14]. Dr. Charles zied jghid li kien hemm okkazzjoni ftit xhur qabel ma l-appellant hareg mill-habs[15] meta l-appellant kien mar ghandu b'girja u cioe` minghajr appuntament u

[10] Fol 26.
[11] Fol 27.
[12] Fol. 50.
[13] Fol. 50-51.
[14] Fol. 53.
[15] Fol. 44.

dakinhar qalaghlu sinna ohra li kienet imhassra[16]. Mistoqsi jekk jafx jekk l-appuntamenti li kien ghamel lill-appellant permezz ta' ommu kienux fil-fatt gew a konoxxenza tad-Direttur tal-habs Dr. Charles wiegeb li dan ma kienx jafu.

**34.** Dwar il-fatt li fl-ewwel appuntament kien ordna lill-appellant l-*antibiotics* Dr. Anthony Charles xehed illi d-dras jistghu jithassru f'salt u l-kagun tista' tkun traskuragni da parti tal-individju jew dieta hazina bhal hafna helu[17].

**35.** Omm l-appellant, Tessie Caruana, fl-affidavit taghha[18] ssemmi li ghamlet bejn tlieta u erba' appuntamenti mad-dentist ghal binha l-appellant. Tghid li l-ewwel zewg appuntamenti ghaddiethom lill-Maggur il-habs, certu Frans maghruf bhala s-"Sway". Dan il-Maggur ma giex prodott biex jixhed. Tghid li appuntament iehor ghaddietu lil mart l-appellant li kellha tiehdu l-habs izda hi (omm l-appellant) ma kienetx marret maghha. Imbaghad tghid li ghamlet appuntament iehor (li hi tiddeskrivieh bhala it-tielet wiehed) li ghaddietu lil oht l-appellant li kellha tirranga hi. Oht l-appellant ukoll ma gietx prodotta tixhed.

**36.** L-appellant jallega li wara li kien qala' s-sinna ftit xhur qabel hareg mill-habs, kien infjammalu halqu kollu u fuq insistenza tieghu l-awtoritajiet tal-habs baghtuh ghand dentista privata Rahal Gdid li qaltlu li kellu

[16] Fol. 53.
[17] Ara fol. 48 tal-process.
[18] Fol. 82-83.

infjammazzjoni qawwija f'halqu u tatu jiehu kors pirmli[19]. Dak li qalet d-dentista, Dr. Ro Anna Borg, izda, jikkuntrasta bil-qawwi ma' dak li sostna l-attur appellant u dan jirrifletti negattivament fuq il-kredibbilita` u affidabbilita` tal-appellant.

**37.** Dr. Ro Anna Borg rat lill-appellant fit-3 ta' Mejju 2008 u din xehdet li mill-x-ray li haditlu tal-ferita li halliet id-darsa, li kienet inqalghat fi zmien ricenti qabel, ma deher xejn anormali. Hija ghamlet nota li ma kien hemm xejn relevanti u cioe` "*nil relevant*", ghalkemm ma teskludix li l-appellant seta' lmenta minn xi ugiegh u li ghalhekk setghet ippreskrivietlu xi *painkillers* izda insistiet li ma kien hemm xejn specifiku fil-ferita tad-darsa maqlugha.

**38.** Il-Maggur Anthony Cutajar, li gie prodott jixhed mill-appellant, kien jahdem il-habs u l-appellant kien jiftah qalbu mieghu dwar problemi li kien ikollu waqt li kien detenut il-habs. Dan Cutajar isemmi diversi problemi li dwarhom kien kellmu l-appellant izda ma jsemmi xejn dwar problemi ta' appuntamenti mad-dentist minhabba ugiegh ta' snien[20] minkejja li kien jiltaqa' mal-appellant xi sitta jew seba' darbiet fis-sena (fol. 163).

**39.** Mill-premess, l-allegazzjoni tal-appellant li l-awtoritajiet tal-Habs effettivament injoraw l-appuntamenti li nghataw mid-dentist tieghu u li dawn gew mghoddija lill-ufficjali tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghalxejn ma

[19] Affidavit tal-appellant fol. 62.
[20] Fol. 155-166.

tirrizultax sodisfacentement. Anqas ma jirrizulta li l-awtoritajiet tal-Habs hallew lill-attur appellant isofri ugiegh gravi fi snienu ghall-perjodu ta’ sena u nofs. Dak li jirrizulta mill-provi prodotti huwa li fis-6 ta’ Ottubru 2008 d-dentist privat tal-attur appellant ghamillu appuntament biex jarah fil-25 ta’ Marzu 2008 u dan gie approvat mill-awtoritajiet tal-habs li ghamlu l-arrangamenti sabiex l-attur appellant jittiehed ghall-appuntament u di fatti l-appuntament inzamm. Jirrizulta wkoll li meta l-appellant ilmenta minn ugiegh u deherlu li kien jehtieg trattament li ma setax jistenna sarulu l-arrangamenti mehtiega sabiex fi zmien qasir imur jara dentista privata li wara li ezaminatu ma sabitlu xejn specifiku li kien rimarkevoli.

**40.** Minn dak li rrizulta dwar l-ilment fuq l-ugiegh tas-snien din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ma rnexxielux jissostanzja sodisfacentement l-allegazzjoni tieghu ta’ trattament ta’ xorta u ta’ grad ta’ severita` tali li jammonta ghal vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

_Persekuzzjoni u lmenti ohra_

*Verzjoni tal-appellant*

**41.** L-attur appellant jilmenta wkoll minn persekuzzjoni matul il-perjodu ta’ inkarcerazzjoni tieghu u jaghti r-ragunijiet li gejjin biex isostni dan l-ilment:

1. Jghid li minkejja l-imgieba ezemplari tieghu u minkejja li ma kienx ifittex l-inkwiet huwa sab min jippersegwitah b'mod li mhux mistenni minn "*Facilita` korrettiva*."

2. Jghid ukoll li l-konvenut appellat naqas ukoll milli jaghti d-debita attenzjoni lid-diversi ilmenti mressqa lilu mill-attur appellant jew f'isem l-attur appellant bhal meta prigunier partikolari li kien bicca wahda mal-psikjatra tal-Habs talbu jzommlu mus u xafra u peress li l-attur appellant ma zammhomx, sema' lill-prigunier li kien talbu jzommhomlu jghid illi l-psikjatra kien ser jibghatu l-Isptar Monte Carmeli u fil-fatt hekk gara.

3. Izid li kien qed jigi persegwitat minn prigunier iehor, Pawlu Hili, li ried li l-attur appellant jigi mnehhi mid-division li kien fiha sabiex minfloku jidhol prigunier iehor habib tieghu cioe` certu Brian Zammit.

4. Jilmenta li minghajr l-ebda gustifikazzjoni valida la fiz-zmien relevanti u lanqas matul it-trattazzjoni ta' din il-kawza, ma thalliex jattendi gruppi ta' terapija u lanqas programmi residenzjali minkejja r-rakkomandazzjoni tas-social workers li kienu jiehdu hsiebu.

5. Li l-awtoritajiet tal-Habs ma baghtuhx izur lil martu meta kienet rikoverata l-isptar u meta kienet qed tilghabha mal-mewt.

6. Li l-petizzjoni ghal mahfra presidenzjali mibghuta lill-konvenut appellat wara direzzjoni f'dan is-sens da parti tal-konsulenti legali ta' martu ma giet bl-ebda mod ikkonsidrata mill-konvenut appellat.

7. L-attur appellant irrefera wkoll ghall-ilmenti l-ohra ventilati minnu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, b'mod partikolari izda mhux limitatament ghal dak kollu li allegatament ghaddieh minnu l-psikjatra Dr. Joseph Spiteri fejn sahansitra kien hemm talba ghal hlas ta' flus u abbuz mill-kariga tieghu anke billi l-attur appellant gie riferut ghall-Isptar Monte Carmeli ghal ragunijiet li jmorru lil hinn minn konsiderazzjonijiet ta' sahha mentali.

*Verzjoni tal-appellat*

**42.** Il-konvenut appellat issottometta illi kull meta l-attur appellant gie riferut l-isptar Monte Carmeli dan sar minhabba l-istat li kien fih l-istess attur appellant, u mhux b'mod vendikattiv, tant li l-attur appellant isofri minn '*acute psychotic disorder*' u '*acute adjustment disorder*' kif ikkonferma l-Psikjatra Dr. David Cassar li xehed li l-karattru tal-attur appellant huwa wiehed sensittiv hafna li huwa jiddeskrivi bhala *paranoid personality* u li dan ifisser li l-appellant ghandu karattru li jiehu ghalih hafna u jhoss li certu affarijiet ikunu qed jirreferu ghalih meta fir-realta` ma jkunux.

**43.** Dwar l-allegat incident tal-mus, il-konvenut appellat ghamel referenza ghal dak li qal il-psikjatra li xehed li ghalkemm ma ghandux records taz-zmien meta l-appellant kien Monte Carmeli huwa ra r-records taz-zmien meta l-appellant kien Kordin u fihom huwa ma kitibx dwar ic-cirkostanza

allegata tal-mus u qal li jimmagina li kieku l-appellant semmielu din ic-cirkostanza huwa xi haga bhal din kien jiktibha.

**44.** Dwar l-allegata persekuzzjoni minn prigunier iehor u li allegatament b'konsegwenza ta' dan l-appellant kien qieghed jispicca jigi riferut l-isptar Monte Carmeli, l-konvenut appellat ghal darb' ohra rrefera ghax-xiehda tal-Psikjatra Dr. David Cassar fejn l-appellant gie deskritt bhala karattru sensittiv hafna li jippercepixxi certi sitwazzjonijiet minn ottika differenti minn persuna li ma hijiex affetta mis-sintomi tal-appellant.

**45.** Dwar l-allegazzjoni li prigunier iehor ried inehhi lill-attur appellant mid-divizjoni fejn kien, il-konvenut appellat issottometta li ma ngabet l-ebda prova da parti tal-appellant li huwa effettivament tnehha minn xi divizjoni li kien qieghed jokkupa u anzi dak li gie ppruvat kien li l-attur appellant ibbenefika minn kull privilegg li prigunier jista' jibbenefika minnu.

**46.** Dwar l-allegata persekuzzjoni minhabba l-fatt li ma thalliex jattendi programm residenzjali, il-konvenut appellat spjega li prigunier ma jistax skont ir-regolamenti tal-habs jattendi tali programmi hlief fl-ahhar sitt xhur tas-sentenza ta' prigunerija filwaqt li l-attur appellant kien ghadu fil-bidu tas-sentenza tieghu. Il-konvenut appellat ghamel referenza wkoll ghax-xhieda ta' Melchior Ellul fis-seduta tat-18 ta' April 2012 fejn sostna li xorta wahda baqghu jsegwu lill-attur appellant.

**47.** Dwar l-ilment tal-attur appellant illi huwa ma thalliex izur lil martu meta din kienet rikoverata l-isptar, il-konvenut appellat sostna li n-numru ta' drabi li l-attur appellant thalla jzur lil martu ma jistax jitqies bhala kaz ta' trattament inuman u degradanti u rrileva li skont id-direttivi li jirregolaw l-ghoti ta' prison leave l-habsin ma jithallewx jaghmlu vizti barra l-habs fl-ewwel sitt xhur. Il-konvenut appellat zied li minkejja li l-attur appellant kien ilu biss tlett xhur il-habs xorta wahda thalla jzur lil martu darbtejn f'perjodu ta' tmintax-il gurnata b'wahda miz-zjarat li saret l-ghada tal-operazzjoni u dan apparti li l-attur appellant inghata diversi beneficcji ohra tal-leave u ohrajn u nghata kull beneficcju u privilegg li persuna li tkun mizmuma fil-habs tista' tinghata.

**48.** Dwar l-ilment rigward il-petizzjoni ghal mahfra presidenzjali il-konvenut appellat issottometta li l-mahfra presidenzjali tinghata mill-President ta' Malta skont dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni u l-fatt li persuna tiskonta sentenza ta' habs skont kif jigi deciz minn Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali bl-ebda mod ma jfisser li dik il-persuna tkun giet assoggettata ghal trattament inuman u degradanti.

**49.** Dwar l-ilment li ressaq l-attur appellant fil-konfront tal-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri il-konvenut appellat isostni li mill-provi rrizulta li l-Psikjatra tal-Habs dejjem agixxa b'mod professjonali fil-konfront tal-attur appellant u kull

meta l-attur appellant gie riferut l-Isptar Monte Carmeli dan sar minhabba l-istat ta’ agitazzjoni u anzjeta` li kien fiha l-attur appellant.

*L-apprezzament tal-Qorti*

**50.** Irrizulta minghajr dubju illi l-attur appellant kellu bzonn ta’ kura psikjatrika kemm matul l-guri tieghu kif ukoll meta kien qieghed il-Habs. Fil-fatt fis-sentenza taghha, l-Qorti Kriminali irriteniet li:

> “*hemm imbaghad, il-preokkupazzjoni principali ta’ din il-Qorti:*
>
> “*Dr. Spiteri jghid li d-djanjozi ta’ Paul Caruana baqghet ta’ morbid jealousy filwaqt li bdew johorgu paranoid traits. Dr. Spiteri wera l-preokkupazzjoni tieghu dwar il-fatt li fil-kommunita ma jistax jigi enforzat trattament psikjatriku kontra r-rieda ta’ persuna. Gol-habs dan ma jistax isir lanqas, biss permess tal-Mental Health Act ikun jista’ jintbaghat ghall-osservazzjoni gewwa l-Forensic Unit.” – pagna 18*
>
> *“Dr. Cassar jghid li ghalkemm mill-kuntatti li kellu ma’ Paul Caruana matul il-kumpilazzjoni ta’ dan ir-rapport, ma jirrizultalux li Paul qed ibati minn stat ta’ genn, huwa seta’ jinnota li minhabba stat ta’ fissazzjoni qawwija jista’ jibqa’ anzjuz hafna. Dr. Cassar jghid li l-aktar li hija nkwetanti hija r-rigidita u l-fissazzjoni fl-imhabba tieghu lejn martu.” – pagna 18.*”

**51.** Dr. Cassar iddeskriva l-karattru tal-attur appellant fid-dettal a fol. 270E tal-process fejn qal[21]:

> “*Is-Sur Caruana huwa persuna sensittiva hafna bhala karattru, fi kliem tekniku ahna nuzaw kelma paranoid personality, fejn bis-sensittivita` tieghek tant tkun sensittiv u dawn mhux nies li ssibhom fil-habs biss, dawn huma nies li ssibhom*

[21] Fol. 270E.

> *madwarek fit-triq ghax hija haga li hija relattivament komuni. Fejn persuna jkollu karattru sensittiv jiehu ghalih hafna, ihoss hafna. Ihoss li certu affarijiet ikun qed jirreferu ghalih… Dan huwa Mr. Caruana bhala karattru. Pero` ukoll Mr. Caruana huwa persuna anzjuz, huwa persuna li jinkwieta hafna, ihoss hafna, jecita ruhu hafna… Il-karattru huwa dak li hu, stress, mela jekk jien certu affarijiet inhosshom daqshekk, stress igghalni nhosshom daqshekk, li qed nghid hu jekk jien persuna sensittiv inhossu X, imma taht stress izjed l-inkwiet inhossu.*"

**52.** Meta mistoqsi mill-ewwel Onorabbli Qorti jekk kienx jirrakkomanda medikazzjoni fic-cirkostanzi li kien fihom l-attur appellant fit-tieni vista li saret Monte Carmeli Dr. Cassar ikkonferma li kien jirrakkomandaha[22]. Dr. Cassar zied jghid li meta baghtu ghall-opinjoni professjonali tieghu huwa kien jemmen li kien hemm bzonn li l-appellant imur ghandu biex jarah u biex jaghti l-opinjoni professjonali tieghu[23]. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, fl-ebda mument Dr. Cassar ma sostna li l-attur appellant:

> "*kien qed jiehu jew jigi prekritt medicinali bla bzonn jew li ddahhal l-isptar mill-habs bla ebda raguni. Anzi jixhed il-kuntrarju dwar l-istat mentali tar-rikorenti*."

**53.** Lanqas qatt f'dawn il-proceduri ma sostna l-espert psikjatriku Dr. Cassar li l-mod kif gie trattat l-attur appellant aggrava l-istat mentali tieghu.

**54.** Mill-provi prodotti l-Qorti hi sodisfatta li l-appellant b'ebda mod ma pprova l-allegazzjoni tieghu li l-psikjatra Dr. Joseph Spiteri abbuza mill-kariga

---

[22] Ara fol. 270G tal-process.
[23] Fol. 270H.

tieghu billi rrefera lill-attur appellant ghall-Isptar Monte Carmeli ghal ragunijiet li jmorru lil hinn minn konsiderazzjonijiet ta' sahha mentali.

**55.** Ladarba kienet il-fehma professjonali tal-psikjatri li ezaminawh li l-appellant kellu bzonn kura ghall-kundizzjoni mentali li kien ibati minnha, il-fatt illi l-attur appellant intbaghat sabiex jiehu din il-kura fl-isptar Monte Carmeli ma jista' bl-ebda mod jitqies li jammonta ghal xi trattament ta' xorta u ta' grad ta' severita` tali li jammonta ghal vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

*nuqqas ta' zjara lil martu*

**56.** Dwar li l-awtoritajiet tal-habs ma baghtux lill-appellant izur lil martu meta hi kienet rikoverata l-isptar u meta kienet qed tilghabha mal-mewt irrizulta li r-raguni ta' dan kien l-Artikolu 14(4) tal-General Ministerial Directives li jipprovdi li fl-ewwel sitt xhur il-habsin m'ghandhomx jithallew jaghmlu vizti barra l-habs. B'danakollu f'dan il-kaz irrizulta li minkejja li l-attur appellant kien ilu biss tlett xhur il-Habs[24], l-awtoritajiet tal-habs xorta hallewh imur izur lil martu l-isptar. Di fatti, mart l-appellant stess tghid li zewgha thalla jmur jarha l-isptar fejn kienet rikoverata qabel giet operata[25]. L-appellant stess jghid li

[24] L-appellant dahal il-habs fit-3 ta' Lulju 2006, ara fol. 19.
[25] Affidavit fol. 92.

f'darbtejn thalla jmur jara lil martu l-isptar u cioe` qabel giet operata u meta giet operata[26], u dan minkejja li kien ghadu biss tlett xhur li dahal il-habs.

**57.** Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi l-Qorti ma tirravizax trattament ta' xorta u severita` li jinkwadra fit-trattament projbit bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u bl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

*Nuqqas ta' attendenza ghall-programmi residenzjali u gruppi ta' terapija*

**58.** Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-attur appellant li minghajr l-ebda gustifikazzjoni valida u minkejja r-rakkomandazzjoni tas-*social workers* li kienu jiehdu hsiebu, ma thalliex jattendi gruppi ta' terapija u lanqas programmi residenzjali, din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-ghemil b'ebda mod ma jinkwadra bhala trattament ta' gravita` tali, jew ta' piz u severita` tali, li jammonta ghal trattament inuman jew degradanti. Dan apparti li Gordon Cachia, *social worker*, xehed li programmi residenzjali seta' jsir uzu minnhom fl-ahhar sitt xhur tas-sentenza ta' prigunerija,[27] filwaqt li l-attur appellant kien ghadu fil-bidu tas-sentenza tieghu, u s-*social workers* xorta baqghu isegwu lill-appellant sa mill-bidu[28].

*Allegazzjonijiet ohra*

---

[26] Affidavit tal-appellant fol. 6.0.
[27] Fol. 121.
[28] 123-124.

**59.** In kwantu ghall-allegazzjonijiet l-ohra tal-appellant fosthom dwar il-petizzjoni lill-President ghall-ezercizzju tal-prerogattiva tal-mahfra, dik li l-konvenut appellat naqas milli jaghti d-debita attenzjoni lil diversi ilmenti mressqa lilu mill-attur appellant jew f'isem l-attur appellant, kif ukoll l-allegazzjoni li l-attur appellant kien qed jigi persegwitat minn prigunier iehor, Pawlu Hili, li allegatament ried li l-attur appellant jigi mnehhi mid-division li kien fiha sabiex minfloku jidhol prigunier iehor habib tieghu, cioe` certu Brian Zammit, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti li sostniet dawn l-allegazzjonijiet imressqin mill-attur appellant ma gewx provati fil-grad rikjest mil-ligi. In materja din il-Qorti tosserva dak li xehed il-psikjatra Dr. David Cassar dwar il-kundizzjoni mentali tal-appellant fiz-zmien relevanti li Dr. Cassar iddeskriviha bhala "persuna sensittiva hafna bhala karattru li, fi kliem tekniku ahna nuzaw kelma *paranoid personality* ... fejn persuna jkollu karattru sensittiv, jiehu ghalih hafna u jhoss hafna. Ihoss li certu affarijiet ikunu qed jirreferu ghalih"[29].

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti tichad l-appell ta' Paul Caruana u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi ghall-appellant.

[29] Fol. 270E.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------